**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 28 T'OTTUBRU, 2021**

**Kawza Numru: 24**

**Rik. Gur. 341/2020 RGM**

**Nexos & Co. Limited**
**(C-14413)**

**vs.**

**World Entertainment Company S.r.L.**
**(Kodici Fiskali 03463781207)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors guramentat tas-socjeta` Nexos & Co. Limited** prezentat fil-25 ta' Mejju, 2020 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, s-socjeta` attrici forniet diversi servizzi u kriet apparat sabiex jittella l-ispettaklu Radio Italia li gie organizzat u mtellgha mis-socjeta` konvenuta nhar l-4 t'Ottubru, 2019, fil-Fosos tal-Floriana f'Malta.

2. Illi l-prezz pattwit bejn il-partijiet kien fis-somma komplessiva ta' Euros 96,431 maghmula mis-somma ta' Euro 73,500 f'kirjiet ta' dawl u s-servizzi relattivi u s-somma ta' Euro 22,931 f'servizzi ohra (ara fatturi u statement annessi u mmarkati bhala Dok A u B rispettivament);

3. Illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx is-somma ta' Euro 96,431 dovuta lis-socjeta` attrici u dan minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex taghmel dan;

4. Illi ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' Euro 96,431 oltre l-imghax legali dekorribbli skont il-Ligi;

5. Illi fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni x'tissoleva kontra t-talbiet ta' l-istess socjeta` rikorrenti;

6. Illi is-Sur Jesmond Bondin ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti kif personalment b'dawn il-fatti kollha.

Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta’ Euro 96,431.

2. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Euro 96,431.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-fattura skont il-Ligi kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat illi s-soċjeta’ konvenuta giet notifikata tramite il-kuratur tagħha Angelo Zanetto fid-9 ta’ Settembru 2020 iżda ma ppreżentatx risposta ġuramentata.

Semgħat ix-xhieda ta’ Jesmond Bondin prodott mis-soċjeta’ attriċi u eżaminat il-provi dokumentarji preżentati mix-xhud kif ukoll mis-soċjeta’ attriċi flimkien mar-rikors promotur.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Mill-provi jirriżulta sodisfaċentement illi is-soċjeta’ konvenuta kienet inkarigat lis-soċjeta’ attriċi sabiex tippresta servizzi ta’ kiri ta’ apparat u servizzi oħra in konnessjoni ma’ festival li jismu Radio Italia li sar f’Malta f’Ottubru tas-sena 2019.

Hemm diskrepanza bejn dak li xhed Jesmond Bonello u dak indikat fir-rikors promotur. Filwaqt li fir-rikors promotur jingħad illi il-kont globali kien ta’ €96,431.00 maqsuma €73,500 f’kirjiet ta’ dawl u servizzi relative u €22,931 f’servizzi oħra; Jesmond Bondin xhed illi l-kont globali kien jammonta għal €130,000 u li l-bilanċ kien ta’ €100,000.

Mill-istatements eżebiti partikolarment dak a fol. 11 tal-proċess u li dwaru xhed Jesmond Bondin, jirriżulta li l-ammont bilanċjali dovut huwa ta’ €11,558.58. Pero’ kawża hija ċirkoskritta bit-talbiet attriċi u għalhekk il-Qorti ma tistax tordna ħlas ta’ somma superjuri għal dik indikata fir-rikors ġuramentat u notifikat lis-soċjeta’ konvenuta.

Għaldaqstant qed tiddeċiedi illi t-talba attriċi għall-kanonizzazzjoni tas-somma ta’ €96,431 hija sodisfaċentement ippruvata u konsegwentement ser tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma msemmija.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi fil-kontumaċja tas-soċjeta’ konvenuta tilqa’ t-talbiet attriċi,

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta’ Euro 96,431.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma imsemmija ta’ Euro 96,431.

Bl-ispejjez kontra s-soċjeta' konvenuta u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-fattura u ċioe' mit-30 ta' Marziu 2020 sad-data tal-effettiv pagament.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
28 ta' Ottubru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**